L-Ospizio
Fuljett maħruġ mil-Librerija Louis Grech, l-Ospizio, Floriana
It-tlieta u tletin ħarġa: Jannar – Frar 2006

# (6) Salvatore Scicluna (1864 – 1934)

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Waħda mill-*facilitators* li kienet taħdem l-iskola tal-Ospizio fil-Furjana hija proprju s-Sinjurina Sarah-Marie Camilleri, u li Mro. Salvatore Scicluna jiġi bużnannuha min-naħa t'ommha. Hija silfitna t-teżi ta' Carmen Borg biex stajna niksbu xi tagħrif fuq das-surmast li għamel snin twal jaħdem bħala *Maestro di Palcoscenico* fit-Teatru Rjal. L-artikolett tiegħi 'Savatore Scicluna (1864-1934)' kien deher f'paġna nru 2 tal-fuljett 'L-Ospizio', Għadd 33, Jan. – Frar 2006.

Kliem muftieħ: Ospizio (Furjana), Skola Sekondarja Subien Lorenzo Manchè, Mużika, Edukazzjoni, Mro. Savatore Scicluna, Teatru Rjal ta' Malta.

Miss Sarah-Marie Camilleri taħdem bħala *facilitator* fl-iskola tagħna, li tagħha Salvatore Scicluna jiġi l-bużnannu min-naħa ta' ommha.

Salvatore twieled il-Belt Valletta fis-26 t'Awwissu 1864. Huwa kien il-kbir fost ħafna aħwa. Missieru, Calcidonio, li kien neguzjant minn Ħal Qormi, kien jikteb il-mużika u jdoqq l-orgni fil-knisja ta' San Pawl, il-Belt. Salvatore kien jattendi l-iskola tal-mużika ta' Paolino Vassallo l-Belt fejn tgħallem jikteb il-mużika, ikanta, u jdoqq l-orgni tal-knisja. Għadu student il-Liceo, huwa ġa kien jikteb xi xogħlijiet għall-pjanu. U meta ġie biex jidħol l-Università ta' Malta biex jistudja għal tabib, missieru qafillu l-pjanu għax ħaseb li kien qed jitlef wisq ħin. Imma Salvatore xorta kien imur idoqq il-pjanu għand sieħbu bil-moħbi ta' missieru. B'hekk, f'żgħożitu sar magħruf sew bħala pjanista mill-aqwa u kittieb ta' ħafna mużika għaż-żfin. Kiteb ukoll ħafna innijiet għall-kor tat-tfal tal-knisja ta' San Pawl, il-Belt. Salvatore iżżewweġ fl-1911 u kellu ħdax-il tifel, il-kbir fosthom Oreste, li jiġi n-nannu ta' Miss Sarah-Marie.



Ritratt tat-Teatru Rjal fejn kien jaħdem Mro. Salvatore Scicluna bħala *Maestro di Palcoscenico* (Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli 19 u 20)

Salvatore kompla jistudja l-mużika taħt il-gwida ta' missieru, Calcidonio. Waħda mill-karigi l-aktar importanti fl-karriera kienet dik ta' *Maestro di Palcoscenico* fit-Teatru Rjal bejn l-1908 u l-1928. Xogħlu kien li jħarreġ lill-kantanti u l-kor għall-opra li jkun imiss. U kulma jikber, aktar beda jtiha għall-mużika sagra. Fost il-ħafna xogħlijiet tiegħu nsibu għaxar quddisiet, fosthom *Messa Tollerata* u *Messa da Requiem*. Kiteb ukoll *Sinfonija tal-Milied* u operetta li ġiet ippreżentata t-Teatru Rjal. Huwa miet fil-25 ta' Far 1934 fl-età ta' disgħa u sittin sena.

Ħajr lil Miss Sarah-Marie talli għoġobha tislifilna t-teżi ta' Carmen Borg B.Ed. (Hons.) li minnu ħadna dat-tagħrif biex stajna nsiru nafu aktar dwar il-kompożitur Malti Salvatore Scicluna.

Kordinatur tal-artiklu u traduzzjoni: is-Sur Manoel Pirotta, għalliem tal-mużika.